**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 71 - IT-TLIETA 27 TA' MARZU 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-6.47) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal fis-6.30) |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li ma kienet waslet l-ebda email ta' apoloġija.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-Kunsillier Spiteri ġibed l-attenzjoni li skont para. 2.5 jidher li hu ma kienx mifhum tajjeb, meta tkellem fuq 3 livelli, hu kien qed jirreferi għat-3 livelli tal-ġnien. L-idea tiegħu kienet li juża l-livell tan-nofs biex ma tkunx tidher mit-triq. Hu ppropona li jkun hemm emenda u tinqata' "fuq 3 livelli". Il-Kunsill qabel *nem con*.

2.3. Il-Kunsilliera Cuomo semmiet para 16.2, dwar il-*presentation* li kellu jagħmel Julian Zarb u li għada ma saritx.Hi ppproponiet li tkellem lis-Sur Zarb biex jibgħat l-istimi u l-idejat tiegħu. Il-Kunsill qabel *nem con*.

2.4. Is-Sindku ppproponiet u l-Viċi-Sindku issekonda l-approvazzjoni tal-minuti. Dawn kienu approvati *nem con* kif emendati u wara ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku semmiet il-ġnien ta' Triq il-Forġa. Hi kellmet lis-Sur Xuereb li qalilha li għadu jistenna xi materjal, il-*gazebo* u l-monument qabel ma jkun jista' jibda x-xogħol però hi qed tippretendi li jkun lest sa Ġunju. Il-kunsill jidhirlu li għandu jsir ftehim mas-Sur Xuereb li l-ġnien jibqa' tal-kunsill però l-manteniment tal-monument u l-għamara tal-

ġnien tibqa' fir-responsabbiltà tas-Sur Xuereb. Il-Kunsillier Gatt tenna li l-ftehim dwar il-manteniment għandu jkun ċar.

3.2. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-bandli humiex se jitlestew fiż-żmien stipulat u s-Sindku rrispondiet li l-Kuntrattur wiegħed li se jitlestew sa nofs April imma fir-realtà skont il-kuntratt għandu sal-aħħar ta' April biex ilesti.

3.3. Il-Kunsillier Agius staqsa dwar il-latrina. Il-perit u l-kuntrattur għandhom jużaw xi apparat biex ikunu jistgħu jiċċekkjaw minn fejn ġej is-sadd, li hu probabbilment ikkawżat mill-għeruq tas-siġar tat-triq.

3.4. Is-Sindku semmiet il-proġett ta' Triq il-Markiż Scicluna, fejn instab li qed jiskula ħafna ilma fil-*basements* ta' xi residenzi. Il-Waste Water Section tal-WSC biddlu xi konnessjonijiet u bagħatu għal tas-Sanità li għandhom jiċċekkjaw kampjun tal-ilma li qed jiskula biex jaraw eżatt x'inhu. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' spjega lir-residenti. Il-Kunsillier Spiteri ppropona li waqt ili għaddej ix-xogħol issir tiswija tal-bankina, k/m Triq San Pawl.

3.5. Is-Sindku kellha laqgħa ma' grupp ta' negozjanti dwar it-trasport ta' madwar il-lokalità u jidher li l-idea qorbot sew għall-konklużjoni.

3.6. Fil-5 ta' Marzu saret laqgħa għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Is-Sindku kienet sodisfatta li kien hemm attendenza sabiħa ta' madwar 40 mara, u li dawn esprimew ix-xewqa li jkun hemm iżjed diskussjonijiet ta' suġġetti li jistgħu jolqtu lin-nisa.

3.7. Is-Sindku semmiet il-*planning gain* tal-iżvilupp fi Triq Burmarrad fejn infurmat li se jintalab restawr taċ-ċimiterju ta' Gadaf. Dwar manteniment tal-katakombi, irid ikun hemm ftehim mas-sid tal-art ta' fejn jinsabu. Il-Kunsillier Spiteri għandu jindaga biex jara min hu.

3.8. Fl-14 ta' Marzu, s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Gatt u s-SE kellha laqgħa mal-każini tal-baned dwar tagħlim u suġġerimenti biex jippromwovu ideat innovattivi.

3.9. Is-Sindku kellha laqgħa mar-Reġjun Tramuntana. Issemma' rapport tal-ICT, li l-kunsilli huma nitolati għal 25 siegħa manteniment tal-*computers* u €400 għal *marketing events* dejjem bil-kundizzjoni li tidher il-*logo* tar-Reġjun.

3.10. Waqt laqgħa tas-Sindku mar-Reġjun Tramuntana, issemma' li għandu joħroġ ktieb dwar personalitajiet tal-lokalitajiet. Ingħatat data sal-aħħar ta' Marzu biex jiġu identifikati l-ismijiet ta' dawn in-nies. Is-SE talab li jkun hemm kjarifika u s-Sindku għandha terġa tkellem lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

3.11. Is-Sindku semmiet li d-dipartiment tall-*Animal welfare* huwa lest li jivvota fondi għal skemi għall-Kunsilli Lokali biex jintużaw għal proġetti relatati mal-klieb u qtates bħal *water fountains* għall-klieb, *cat cafè, dog parks* eċċ.

3.12. Is-Sindku kellha laqgħa mal-grupp tar-residenti dwar il-proġett tat-*Trade Fair.* Hawnhekk qassmet *slides* għall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

3.13. Is-Sindku kellha wkoll laqgħa ma Christina Formosa, għalliema ta' tfal diżabili, dwar *'Teaching with a difference'.* Hi offiriet li tiġi tgħallem fil-kunsill darbtejn fil-ġimgħa bla ħlas jekk il-Kunsilli ikopri l-isepejjeż tal-materjal. Il-kunsill approva *nem con.*

3.14. Fil 21 ta' Marzu saret il-laqgħa tas-Sindku mal-pulizija u LESA li għaliha kienu preżenti l-Ispettur tal-Pulizija tan-Naxxar, is-Sur Stephen Mallia mil-LESA u s-SE. Huma semmew il-bżonn ta' preżenza akbar u aktar infurzar fi Triq San Ġorġ mal-iskola primarja.

3.15. Fis-26 ta' Marzu saret laqgħa mal-kuntrattur tal-knis fuq talba tiegħu stess wara li s-SE bagħtlu email jesprimi d-diżappunt kbir dwar il-kwalità tas-servizz. Il-kuntrattur

talab il-laqgħa għax jixtieq itemm il-kuntratt għaliex sostna li l-Kunsill qed jistenna livell għoli ta' servizz aktar milli jista' joffri. Għandu jagħti 30 jum *notice* però kien hemm qbil li jintalab parir legali. Is-SE tenna li xorta jrid jirreferi lid-dipartiment qabel tittieħed deċiżjoni. Kien hemm ukol qbil li jinbeda l-proċess tat-*tendering.*

3.16. Kienu s-6.30pm u f'dan il-ħin wasal il-kunsillier Brincat.

3.17. Triq Santa Fawstina Kowalska - din qed issir minn TM però is-Sindku għarrfet li l-kunsill waqqaf il-proċess sakemm isir ftehim dwar l-ewwel biċċa li skont il-*local plan* għandha ssir ġnien. Il-kunsill xtaq li jippjana disinn u l-Kunsillier Spiteri stqarr li għandu ċerti diffikultajiet biex jagħmel id-disinn għax irid ikollu l-parametri li jrid jaħdem fihom. Hu qassam kopja tad-disinn li għamel għall-attenzjoni tal-kunsilliera. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li ssir laqgħa mat-TM biex jiġu ċċarati dawn il-parametri. Kien ukoll innutat mill-perit li parti mill-art hija propjetà privata għalhekk fil-laqgħa għandu jkun inkluż ukoll is-sid biex jikkordinaw il-pjan.

3.18. Dwar Triq Lord Byron, is-Sindku qassmet ir-rapport tal-konsulenti ambjentali dwar it-tneħħija tas-siġar minħabba li qed jagħmlu ħsarat lil propjetajiet privati u peress li jinsabu fuq il-bankina. Xi residenti offrew €100 biex jinxtraw iżjed siġar biex jagħmlu tajjeb għal dawk li se jinqalgħu.

3.19. Kienu s-7.47pm u f'dan il ħin wasal il-Kunsillier Sciberras.

3.20. Fit-23 ta' Marzu, is-Sindku tkellmet mal-MTA dwar l-attività tradizzjonali tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann. Biex jieħdu sehem l-Inguardia, l-istima hi ta' €1758 u għandha ssir applikazzjoni għal *sponsor.*

3.21. *Solidarity 4 Heritage*- Is-Sindku tkellmet dwar il-kick-off meeting li sar fil-Bulgarija, li għaliha ttellgħu ukoll 3 delegati mill-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari, li kienu s-Sur Paul Catania, il-Perit Daphne Fenech u s-Sur John Magro flimkien magħha u mas-SE. Apparti introduzzjoni tal-imsieħba fil-proġett u diskussjoni u informazzjoni dwar il-proġett innifsu mil-lead partners (Stryumyani), kien diskuss kif se nipproċedu bil-proġett kollu.

3.22. Is-Sinj.Rita Briffa avviċinat lis-Sindku dwar proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ li se japplikaw għall-fondi. Il-proġett suġġerit huwa filmat dwar in-Naxxar. Il-fondi għall-proġett jammontaw għal Eur3000 u li minnhom il-kunsill ikollu jiffinanzja 20% mill-ispejjeż. Il-Kunsill qabel li wara li jsiru diskussjonijiet dwar id-dettalji, jikkommetti li jissapportja l-proġett.

3.23. Is-Sindku semmiet li l-iskola primarja jixtiequ jorganizzaw attività fit-triq quddiem l-iskola bħala *isports day* fil-25 u 26 ta' April. Il-kunsill approva li dan isir bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill li għandu jieħu ħsieb it-*traffic management*.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'A wara proposta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsilliera Cuomo.

5.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet. Dawn huma annessi f'B, Ċ u D rispettivament.

5.3. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* ma kienx ippreżentat u kien hemm qbil li jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

## 6. KUMITATI GĦAŻ-ŻONI

6.1. Is-Sindku qablet mas-suġġeriment li kien sar mill-Kunsillier Galea li jsiru laqgħat mar-resident fiż-żoni tagħhom.

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1. Is-SE ta rendikont minn dak li ħareġ mil-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill li japprova dawn li ġejjin: ikun ordnat *survey* għal Triq Santa Luċija għall-ammont ta' €1560+VAT; *survey* għall-parti ta' fuq tal-bankina ta' Triq tal-Labour għall-ammont ta' €650+VAT; preparazzjoni ta' linji gwida minn ADI dwar imwejjed u siġġijiet għall-ammont ta' €1200.

7.2. Dwal fil-*playground*- Il-Kumitat tal-Finanzi kien qiegħed jirrakkomanda li d-dwal isiru fuq arbli minflok mas-siġar biex jiġu evitati l-*wires* mas-siġar; it-*treepits* għandhom isiru *flush* mal-art bi spiża totali ta' €2500+VAT wara li t-talba oriġinali mill-kuntrattur kienet ta' Eur3900+VAT iżda s-Sindku insistiet li jbaxxi l-prezz (dawn ma kinux inklużi fl-offerta). Il-Kumitat qabel ukoll li parti mir-reċint tal-injam li jiġi quddiem it-taraġ tal-ispettaturi, għandu jitħalla. Peress li l-kuntratt ma kinx jaħseb li jrid jiżżarma biex jerġa jintuża, il-kuntrattur talab 25% aktar għal dan ix-xogħol. Però l-Kumitat qabel li jħalli dan ix-xogħol f'idejn il-ħaddiema tal-Kunsill f'ħinijiet ta' xogħol addizzjonali. Dwar il-latrina,l-kuntrattur għandu jiċċekkja fuq il-post u jibda x-xogħol bir-rati ta' day works skont il-kuntratt.

7.3. Dwar ir-rapport tar-*Risk Assessment*-Il-Kumitat jirrakkomanda lill-kunsill li jipproċedi bix-xogħol kollu meħtieġ skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport.

7.4. Il-Kumitat irrakkomanda lill-Kunsill li jipparteċipa fil-programmi tat-TCTC, *Robotica* u *Coding for Kids*. Dwarhom għandha ssir laqgħa u jiġu varati nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu.

7.5. Il-Kunsill approva dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha.

## 8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

8.1. Is-SE ippreżenta r-rapport għall-attenzjoni tal-kunsillieri. Dan ġie approvat kif ippreżentat u jinsab anness ma' dawn il-minuti.

## 9. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

9.1. Ir-rapport huwa l-minuti tal-laqgħa. Il-punti kruċjali li ssemmew kienu l-bring in sites u tindif tat-toroq, bażikament it-tgezziz ta' boroz u ġbir ta' skart qabel is-7.00am. Il-Kunsilliera Cuomo staqsiet lis-SE dwar Xatt il-Plam u hu wieġeb li fil-preżent għaddejin wisq proġetti b'ħafna diffikultajiet u għalhekk il-proċess għadu lura.

## 10. INĊINERATUR FIL-MAGĦTAB

10.1. Is-Sindku ppreżentat mozzjoni dwar l-inċineratur. Waqt id-diskussjoni saret emenda biex tnaqqas punt. Il-mozzjoni kif emendata kienet approvata nem con (anness).

## 11. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A MAL-KUNSILL

11.1. Dan l-*item* tpoġġa fuq l-aġenda bi żvista għax kien diġà deċiż fil-laqgħa ta' qabel. Il-Kunsill infatt kkonferma li l-proċess jista' jitkompla hekk kif jinstab xi ħadd addattat mill-Kumitat tal-Għażla.

11.2. F'dan il-ħin is-SE talab pawsa qasira biex isemmi xi kummenti li kienu għaddejjin fuq *facebook* waqt il-*live streaming* għaliex ħass li jkun importanti li l-Kunsill ikun konxju mir-rispons u l-kummenti tal-pubbliku u b'hekk ikun hemm interazzjoni akbar mar-residenti. Huwa spjega wkoll dwar kummenti li kienu qed isiru fosthom minn persuna li trid li jinqalgħu siġar minn Ġnien Unjoni Ewropeja u li hu kien ta parir biex tmur

għand l-Ombudsman minħabba li t-talba tagħha ma kinitx ikkunsidrata ġustifikata mill-Kunsill.

**12. PROMOZZJONI GĦAL SKRIVANA**

12.1. Is-SE ippropona li skrivana li ilha taħdem mal-kunsill tingħata l-promozzjoni biex tiġi fi grad pariġġ l-iskrivani l-oħrajn. Il-kunsill approva *nem con*.

**13. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

13.1. Il-laqgħa aġġornat fit-7.40pm u d-data magħżula għas-seduta li jmiss hija nhar l-Erbgħa, 25ta' April 2018 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |